**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**
**(ĠURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Numru 1**

**Rikors Numru 574/2021 NC**

**Melissa Buttigieg**
**u b'digriet tal-25 ta' Novembru 2021 il-kunjom "Buttigieg" ġie kanċellat u sostitwit bil-kunjom "Munro"**

**vs.**

**Avukat tal-Istat**

Illum it-tnejn (2) ta' Novembru 2022

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Kostituzzjonali tar-rikorrenti Melissa Munro (*a fol.* 1 *et seq.*) ippreżentat fit-3 ta' Settembru 2021 li jgħid hekk:

> *"1. Illi r-rikorrenti kienet intimata f'proċeduri intavolati fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) speċifikament il-kawża fl-ismijiet Olympia Frendo Cumbo vs Jonathan Farrugia u martu Melissa*

*Buttigieg (Rikors Numru: 86/2011 MLF), deċiża nhar il-ħmistax (15) ta' Lulju 2020, u li minnha ma sarx appell.*

*2. Illi r-rikorrenti qed tressaq il-proċeduri odjerni peress illi hija sofriet danni minħabba dewmien f'kawża ċivili li fiha kienet waħda mill-intimati, minħabba li, fost oħrajn, ġiet imġiegħla tħallas interessi żejda u bla bżonn bejn il-bidu u t-tmiem tal-kawża, li irriżulta fi problemi finanzjarji kbar għaliha u dan minbarra l-ansjeta' u l-frustrazzjoni kkawżati b'dan id-dewmien.*

*3. Illi l-kawża in kwistjoni ġiet intavolata nhar id-disgħa (9) ta' Mejju 2011 u inqatgħet definittivament fil-ħmistax (15) ta' Lulju 2020 – u għalhekk, il-kawża, b'kollox damet aktar minn disa' (9) snin biex tiġi mismugħa u deċiża. Illi f'dawn id-disa' snin, kien hemm tmienja u għoxrin (28) seduta appuntata, li minnhom tnejn (2) kienu għan-notifika, tmienja (8) għall-provi attriċi, tlieta (3) għall-provi tal-konvenuta, tnejn (2) għas-sottomissjonijiet finali u tlettax (13) għall-għoti tas-sentenza. Biżżejjed li jingħad illi l-kawża tħalliet għas-sentenza fl-għoxrin (20) ta' April 2015 u s-sentenza finali ingħatat wara ħames (5) snin u nofs.*

*4. Illi l-mertu ta' dawn il-proċeduri kien wieħed piu tost sempliċi, u ċioe' talba għar-rifużjoni ta' l-ammont ta' sitt elef, tmien mija u ħamsin Ewro (€6,850) rappreżentanti ħlas ta' Provisional Capital Gains Tax li l-attriċi ħallset f'isem il-konvenuti. Illi d-difiża tar-rikorrenti preżenti (dak iż-żmien intimata) kienet illi dawn il-flus kienu tħallsu bħala rifużjoni tat-taxxa, lill-intimat l-ieħor u li għalhekk kien hu li kellu jħallashom.*

*5. Illi wara li semgħet il-provi prodotti, rat li l-konvenut Jonathan Farrugia għalkemm debitament notifikat kien baqa' ma weġibx għat-talba, għaddiet sabiex permezz ta' sentenza datata 15 ta' Lulju 2020, tilqa' t-talba tal-attriċi u għalhekk tikkundanna lill-konvenuti iħallsu in solidum lill-attriċi s-somma ta' sitt elef, tmien mija u tmienja u erbgħin Ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€6,848.36) - ekwivalenti għal elfejn disa' mija u erbgħin liri Maltin (Lm2,940) - bl-imgħax li jibda jiddekorri mill-31 ta' Jannar 2012 (data tan-notifika lill-konvenut tar-rikors promotur) sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenuti.*

*6. Illi bħala konsegwenza tad-dewmien fil-proċeduri, liema dewmien bl-ebda mod ma jista' jiġi attribwit lill-esponenti, l-ammont illi hija ġiet kundannata li tħallas is-sorte ekwivalenti għal €6,848.36, interessi ammontanti għal €4,382.96 kif ukoll spejjeż ammontanti għal €947.27, għal total ta' €12,178.59. Illi għalhekk, bħala konsegwenza diretta tal-fatt illi l-kawża damet dan it-tul ta' żmien biex tinstema' u tinqata', l-attriċi sofriet dannu reali, ammontanti għal €4,382.96 f'interessi fuq l-ammont mitlub, liema interessi baqgħu jiddekorru tul iż-żmien kollu sa kemm ġiet deċiża l-kawża.*

*7. Illi minbarra d-danni pekunjarji li hija sofriet bħala konsegwenza diretta ta' dan id-dewmien, wieħed ma jistax ma jsemmix l-ansjeta' u l-frustrazzjoni li għaddiet minnu tul is-snin sa kemm ġiet deċiża l-kawża illi damet snin twal biex tiġi deċiża mingħajr ebda raġuni jew ġustifikazzjoni.*

*8. Illi skond il-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati Maltin, li tirrifletti dik tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, sabiex jiġi stabbilit il-qies tad-dewmien fil-proċeduri, wieħed irid jieħu kont ta' tlett (3) konsiderazzjonijiet ewlenin, u cioe' il-komplessita' tal-każ, l-imġieba ta' min ikun qed iressaq l-ilment; u s-sehem tal-awtoritajiet konċernati fid-dewmien. Illi b'applikazzjoni ta' dawn il-kriterji għall-każ preżenti, jirriżulta li r-rikorrenti ma taħti xejn għal dan id-dewmien peress illi hija ressqet il-provi kollha tagħha f'żewġ seduti. Lanqas ma jidher illi l-każ kien xi wieħed kumpless.*

*9. Illi r-rikorrent temmen illi l-proċess ċivili in kwistjoni ma ġiex determinat b'mod finali fi żmien raġonevoli u li konsegwentement kien hemm leżjoni tad-dritt tar-rikorrent kif sancit bl-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.*

*10. Illi għalhekk qed isiru dawn il-proċeduri.*

*Għaldaqstant l-esponent umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*1. Tiddikjara u tiddeċiedi li d-drittijiet tar-rikorrent għal smigħ xieraq fi żmien raġonjevoli, hekk kif protett mill-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, ġew vjolati bid-dewmien tal-kawża ċivili fil-konfront tagħha li damet disa' (9) snin u xahrejn sabiex tiġi deċiża.*

*2. Tillikwida ammont ta' danni pekunarji u non-pekunarji sofferti mir-rikorrenti kawża tal-leżjoni tad-dritt għas-smigħ xieraq u*

*3. Tikkundana lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas is-somma hekk likwidata lir-rikorrenti.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni."*

Rat ir-Risposta tal-intimat Avukat tal-Istat (*a fol.* 6 *et seq.*) ippreżentata fit-12 ta' Ottubru 2021 li tgħid hekk:

*"1. Illi permezz tar-rikors promotur, ir-rikorrenti qed tallega li seħħ ksur tad-dritt fundamentali tagħha għal smiegħ xieraq fi żmien raġjonevoli hekk kif protett mill-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem in vista ta' allegat dewmien fil-proċeduri fl-ismijiet Olympia Frendo Cumbo vs. Jonathan Farrugia u martu Melissa Buttigieg [Rikors 86/2011 MF], liema proċeduri ġew deċiżi mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-15 ta' Lulju 2020 u li minnhom ma kienx hemm appell.*

*2. Illi l-esponent umilment jissottometti li huwa paċifiku li d-dritt għal smiegħ xieraq irid ikun evalwat fit-totalita' tal-proċeduri kollha u li l-fatturi li primarjament għandhom jittieħdu in kunsiderazzjoni sabiex jiġi determinat jekk is-smiegħ tal-proċess eċċediex il-parametri ta' smiegħ xieraq fi żmien raġjonevoli huma l-kumplessita' tal-każ, l-aġir tal-partijiet fil-kawża u l-aġir tal-awtorita' ġudizzjarja. Kif jgħidu l-awturi Harris, O'Boyle and Warbrick fil-ktieb Law of the European Convention on Human Rights (raba' edizzjoni (2018)):*

*The purpose of the 'reasonable time' guarantee, which applies to both criminal and non-criminal cases, is to protect 'all parties to court proceedings...against excessive procedural delays' [Stogmuller v Austria A 9 (1969) p 40, 191. On the guarantee, see Henzelin and Rordorf, 5 NJ ECL 78 (2014)] and 'underlines the importance of rendering justice without delays which might jeopardize its effectiveness and credibility' [H v France A 162-A)1989); 12 EHRR 74 para 58].*

*The reasonableness of the length of proceedings in both criminal and non-criminal cases depends on the particular circumstances of the case [Konig v Germany A 27 (1978); 2 EHRR 170 PC and Pedersen and Baadsgaard v Denmark 2004-XI; 42 EHRR 486 GC]. There is no absolute time limit. Factors that are always considered are the complexity of the case, the conduct of the applicant, and the conduct of the competent administrative and judicial authorities [Konig v Germany; ibid]. The Court also takes into account what is 'at stake' for the applicant [Frydlender v France 2000-VII; 31 EHRR 1152 GC, what is 'at stake' is sometimes treated as a separate fourth factor: see, eg. Surmeli v Germany 2006-VII; 44 EHRR 438 GC].*

*3. Illi għalhekk mhuwiex suffiċċjenti li wieħed jilmenta biss fuq it-tul tal-proċeduri meta jiġi allegat ksur tad-dritt ta' smiegħ raġjonevoli fi żmien xieraq, iżda r-rikorrenti trid tipprova li ċ-ċirkostanzi varji surreferiti avveraw ruħhom fil-kawża ċivili in kwistjoni. L-esponent jikkontendi li meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ għandu jirriżulta li ma kienx hemm leżjoni tad-drittijiet invokati mir-rikorrenti.*

*4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, dato ma non concesso li kien hemm xi dewmien li jeċċedi l-parametri tas-smiegħ fi żmien raġjonevoli, ir-rikorrenti kienet akwijexxenti matul il-każ u ma jidhirx li qatt oġġezzjonat jew ilmentat minn xi allegat preġudizzju li kien qed jiġi kawżat lilha l-allegat dewmien tal-proċeduri. Bid-dovut rispett, huwa għal kollox inawdit li parti tibqa' siekta għal kollox matul il-proċeduri ġudizzjarji tagħha sabiex imbagħad, aktar minn sena wara li jiġu deċiżi tali proċeduri, tilmenta għall-ewwel darba li dan l-istess proċess kien leżiv tad-dritt tagħha għal smiegħ xieraq fi żmien raġjonevoli u li*

*l-allegat dewmien ikkawżalha danni. Hekk jidher li seħħ f'dan il-każ; ir-rikorrenti qatt ma vverbalizzat jew ressqet att ġudizzjarju fejn ilmentat mid-dewmien li issa qed tgħid li sofriet. In linea mal-premess, imiss ukoll li r-rikorrenti tgħid jekk eżawrietx ruħha mir-rimedju mogħti lilha mill-Artikolu 195(5) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*5. Illi f'kull każ u bla ħsara għall-fatt li dawn il-proċeduri mhumiex ta' culpa aquiliana jew kawża tad-danni, dato ma non concesso kien hemm xi dewmien li jeċċedi l-parametri tas-smiegħ xieraq fi żmien raġjonevoli, ir-rikorrenti trid iġġib prova tajba tal-allegati danni li sofriet kif ukoll trid turi li tali danni li allegatament ġarrbet kienu konsegwenza diretta tal-allegat dewmien fil-proċeduri ċivili surreferiti.*

*6. Illi finalment, in kwantu għall-fatt li r-rikorrenti b'mod speċifiku tirreferi għall-imgħaxijiet li qed tgħid li sofriet huma "dannu reali", tajjeb jingħad li dawn kienu r-riżultat naturali tal-fatt li r-rikorrenti naqset milli tonora l-obbligu tagħha versu l-kreditriċi tagħha.*[1] *F'dan il-kuntest, ma jistax ma jiġix osservat il-fatt li r-rikorrenti għażlet li ma tappellax mis-sentenza mogħtija fl-20 ta' Lulju 2020 u tirrikonoxxi li hi fil-fatt kienet debitriċi tal-ammont pretiż minnha. Isegwi għalhekk li l-esponent m'għandux ikun ikkundannat ibagħti spejjeż li effettivament huma r-riżultat dirett tal-inadempjenza tar-rikorrenti milli tonora l-obbligi tagħha.*

*7. Illi għalhekk isegwi li t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom.*

*8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Għaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tiċħad it-talbiet rikorrenti.*

*Bl-ispejjeż."*

---

[1] Ara wkoll l-Artikolu 1139 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta: *Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi dwar il-garanzija u s-soċjeta', jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bħala oġġett il-ħlas ta' somma determinata, id-danni li jiġu mid-dewmien tal-esekuzzjoni tagħha jkunu jikkonsistu biss fl-imgħaxijiet fuq is-somma li jkollha tingħata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena.*

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan il-każ, inkluż l-atti tal-kawża fl-ismijiet **Olympia Frendo Cumbo vs. Jonathan Farrugia u martu Melissa Buttigieg** (Avviż Numru 86/2011 MLF) liema atti ġew allegati wara ordni mogħtija minn din il-Qorti fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2021 (*a fol.* 11 *et seq.*).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet (*a fol.* 39 *et seq.*) ippreżentata mir-rikorrenti Melissa Munro fl-14 ta' Ġunju 2022.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet (*a fol.* 48 *et seq.*) ippreżentata mill-intimat Avukat tal-Istat fis-7 ta' Lulju 2022.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi tagħmel riferenza għax-xiehda u għad-dokumenti saljenti li ġew mismugħa u preżentati tul il-mori tal-proċeduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2021, ġie ppreżentat affidavit tar-rikorrenti **Melissa Munro** (*a fol.* 14 *et seq.*) fejn tgħid li hija kienet parti mill-kawża **Olympia Frendo Cumbo vs. Jonathan Farrugia u martu Melissa Buttigieg** (Avviż Numru 86/2011 MLF) u li din il-kawża ġiet deċiża kontra tagħha u kontra l-eks raġel tagħha. Tispjega li l-kawża msemmija ġiet ippreżentata fid-9 ta' Mejju 2011 u dana sabiex l-attriċi f'dik il-kawża *ossia* Frendo Cumbo titħallas ammont li kien irċieva Jonathan Farrugia. Tgħid li taf fiċ-ċert li l-eks raġel tagħha kien irċieva rifużjoni ta' taxxa f'ismu u hu żamm il-flus minflok ħallas lil Frendo Cumbo. Tixhed li hija ppruvat targumenta li r-rifużjoni tat-taxxa kien rċevieha l-eks raġel tagħha u għalhekk huwa kellu jħallas iżda huwa lanqas irrisponda għall-kawża u anqas deher fiha. Tgħid li minkejja li hija ressqet il-provi tagħha fi żmien qasir, il-każ baqa' pendenti għal snin twal peress li kien hemm dewmien illi għalih hi ma taħti xejn. Tgħid li s-sentenza ngħatat b'mod definittiv fil-15 ta' Lulju 2020 u li għalhekk il-kawża damet b'kollox aktar minn disa' (9) snin sakemm ġiet deċiża b'dana illi l-kawża tħalliet għas-sentenza fl-20 ta' April 2015 u s-sentenza finali ngħatat wara ħames snin u nofs. Tilmenta li waqt dan iż-żmien hija kienet dejjem tistaqsi lill-avukat tagħha ta' dak iż-żmien u anke ċemplet lill-Ministeru tal-Ġustizzja

pero' baqa' ma ġara xejn. Tkompli tgħid li wara li ngħatat is-sentenza hija ġiet ikkundannata tħallas l-interessi sa minn meta bdew il-proċeduri. Tispjega li bħal issa qed tħallas l-ammonti dovuti bin-nifs għax ma tistax tlaħħaq mal-ispejjeż f'daqqa waħda. Tgħid li ma għandha l-ebda tama li titħallas mingħand l-eks raġel tagħha. Tgħid li dan kollu kkreala stress qawwi tant li spiċċat b'*anxiety disorder* u qed tirrikorri għal kura għand psikologa.

In kontro-eżami, li sar fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2022 (*a fol.* 32 *et seq.*), tispjega li ilha mis-sena 2014 taħdem bħala *system administrator*. Tispjega li waqt il-kawża kienet tkellmet ma' l-avukat tagħha u saqsiet x'seta' isir u li l-avukat tagħha kien jgħidilha li kellha tistenna. Tgħid li kienet bagħtet *email* fuq l-indirizz josephmuscat@josephmuscat.com u weġibha xi ħadd mill-Ministeru fejn kienu qalulha biex iċċempel fuq numru partikolari u wara li għamlet hekk qalulha li jekk il-kawża ma tiġix deċiża sad-differiment ta' wara kellha terġa' tkellimhom. Tgħid li reġgħet kellmet lill-istess persuna li qalilha ma seta' jagħmel xejn. Tgħid li hija ma appellatax is-sentenza fuq parir tal-avukat tagħha. Tgħid ukoll li in segwitu ta' Mandat ta' Sekwestru li kien hemm fis-sena 2011 ġew depożitati xi flus il-Qorti. Tkompli tispjega li sena qabel kienet bdiet tmur għall-kura għand psikjatra u li ma l-eks raġel tagħha ma kellha l-ebda kuntatt ħlief fil-kawżi ta' separazzjoni u divorzju. Tgħid li kien irnexxielha tissepara u li eventwalment ingħatat id-divorzju wkoll. Mistoqsija tgħid jekk ħaditx passi kontra l-eks raġel tagħha biex jittieħdu l-flus in kwistjoni, twieġeb fin-negattiv minħabba li tħoss li jkun għalxejn u għax ma tiflaħx tonfoq iżjed flus.

Illi fl-20 ta' Jannar 2022 ġie ppreżentat affidavit tal-**Psikoterapista Nadine Castillo** (*a fol.* 28) fejn qalet li ilha ssegwi lir-rikorrenti għal sessjonijiet ta' psikoterapija sa mit-22 ta' Lulju 2021. Tgħid li bejn wieħed u ieħor jiltaqgħu darba fix-xahar. Tispjega li l-ewwel li fittxet l-għajnuna r-rikorrenti kien minħabba f'ansjeta' akuta u attakki ta' paniku/ansjeta' frekwenti. Tgħid: *"Niddikjara illi għalkemm għadu kmieni biex wieħed jidħol fil-fond dwar il-kawża tal-ansjeta', jidher illi major stressor tagħha kien ġej minn kawża l-Qorti illi hija kienet involuta fiha u li damet madwar 11 il-sena biex tiġi deċiża. [...] L-agħar ħaġa għalija pero', kien it-tul ta' żmien illi damet biex tiġi deċiża*

*l-kawża, u dan għaliex hija ma setgħetx tħalli l-passat tagħha warajha u tkompli b'ħajjitha iżda baqgħet imdendla u msakkra f'relazzjoni illi kienet waħda tossika u ħażina għaliha"* (*a fol.* 28). Tgħid li wara li nqatgħet il-kawża r-rikorrenti ġiet kostretta tħallas mhux biss dak li kien dovut lill-parti l-oħra iżda anke l-interessi, liema fatt, apparti l-ispejjeż tal-kawża, ħallewha fi stat finanzjarju prekarju. Tgħid li dan huwa sors ta' *stress* u ansjeta' kbira illi kien *trigger* għal attakki ta' paniku illi bdew jaqbdu lir-rikorrenti.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tibda billi tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta s-segwenti:

- ir-rikorrenti kienet waħda mill-konvenuti fil-kawża fl-ismijiet **Olympia Frendo Cumbo vs. Jonathan Farrugia et** (Avviż Numru 86/2011 MLF) liema kawża ġiet ippreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-21 ta' Marzu 2011 (*a fol.* 1[2]);

- ir-rikorrenti wieġbet għal din il-kawża permezz ta' Risposta ppreżentata fit-8 ta' April 2011 (*a fol.* 5[3]);

- il-konvenut l-ieħor fil-kawża hawn fuq imsemmija huwa l-eks raġel tar-rikorrenti ta' din il-kawża u li ġie notifikat bl-atti tal-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-31 ta' Jannar 2012 (*a fol.* 27 *tergo*[4]);

- minkejja li ġie debitament notifikat il-konvenut Jonathan Farrugia ma ppreżenta l-ebda Risposta;

- fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2012 ingħata digriet dwar il-possibilita' li jixhed il-Kummissarju tat-Taxxi Interni dwar ir-rifużjoni tat-taxxa (*a fol.* 48 *et seq.*[5]);

[2] Fil-kawża fl-ismijiet **Olympia Frendo Cumbo vs. Jonathan Farrugia et** (Avviż Numru 86/2011).
[3] *Ibid.*
[4] *Ibid.*
[5] *Ibid.*

- fis-seduta tal-20 ta' April 2015 il-konsulenti legali tal-attriċi u tal-konvenuta f'dik il-kawża għamlu s-sottomissjonijiet finali tagħhom (*a fol.* 84 *et seq.*[6]) u dakinhar il-kawża ġiet mħollija għas-sentenza;

- is-sentenza eventwalment ingħatat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-15 ta' Lulju 2020 (u dana wara diversi differimenti għall-istess skop), f'liema sentenza l-Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet imressqa mir-rikorrenti f'dan il-każ u laqgħet it-talbiet tal-attriċi Frendo Cumbo.

Illi dak li qed tilmenta minnu r-rikorrenti f'din il-kawża huwa li minħabba ż-żmien li ħadet il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex tiddeċiedi l-kawża fl-ismijiet **Olympia Frendo Cumbo vs. Jonathan Farrugia et** (Avviż Numru 86/2011 MLF) ġie leż id-dritt fundamentali tagħha għal smigħ xieraq u dana bi ksur ta' Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. F'dan ir-rigward ir-rikorrenti titlob ukoll il-likwidazzjoni ta' danni pekunjarji u non-pekunjarji sofferti minnha bil-konsegwenza li l-intimat Avukat tal-Istat jiġi kkundannat iħallas tali danni likwidati.

Illi l-intimat Avukat tal-Istat ressaq is-segwenti eċċezzjonijiet:

- f'każijiet ta' smigħ xieraq trid tiġi evalwata l-proċedura fit-totalita' tagħha u jrid jiġi determinat jekk is-smigħ eċċediex il-parametri tas-smigħ xieraq;

- m'huwiex suffiċjenti li tilmenta fuq id-dewmien iżda r-rikorrenti trid tipprova li seħħew iċ-ċirkostanzi neċessarji sabiex tali leżjoni tiġi rikonoxxuta;

- ir-rikorrenti kienet akwixxenti b'dana illi qatt ma lmentat u li ma użatx ir-rimedji li tagħtiha l-liġi senjatament Artikolu 195(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

- ir-rikorrenti trid iġġib prova tad-danni li ġarrbet; u

[6] *Ibid.*

- din mhux kawza ta *culpa aquiliana* u l-interessi huma konsegwenza naturali tal-fatt li hija ma onoratx l-obbligi tagħha.

Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar it-talbiet imressqa mir-rikorrenti u ser tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha wkoll dwar l-eċċezzjonijiet imressqa dwarhom mill-intimat Avukat tal-Istat.

**L-Ewwel (1) Talba:**

Illi permezz ta' l-ewwel talba r-rikorrenti titlob lill-Qorti sabiex tiddikjara u tiddeċiedi li d-drittijiet tagħha għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli hekk kif protett minn Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ġew vjolati bid-dewmien tal-kawża ċivili fil-konfront tagħha li damet biex tiġi deċiża.

Illi għal din it-talba l-intimat Avukat tal-Istat ressaq numru ta' eċċezzjonijiet u din il-Qorti ser tistħarriġhom waħda waħda.

F'każijiet ta' smigħ xieraq trid tiġi evalwata l-proċedura fit-totalita' tagħha u jrid jiġi determinat jekk is-smigħ eċċediex il-parametri tas-smigħ xieraq

M'huwiex suffiċjenti li tilmenta fuq id-dewmien iżda r-rikorrenti trid tipprova li seħħew iċ-ċirkostanzi neċessarji sabiex tali leżjoni tiġi rikonoxxuta

Illi l-Qorti tibda billi tgħid li taqbel ma' dak li jgħid l-intimat Avukat tal-Istat meta jtenni li l-proċeduri jridu jiġu evalwati fit-totalita' tagħhom u f'dan ir-rigward il-Qorti tirreferi għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fit-28 ta' Ġunju 1978 fil-kawża fl-ismijiet **König v. Germany** (Numru 6232/73) fejn il-Qorti msemmija qalet is-segwenti:

> "As regards the period to which Article 6 (art. 6) is applicable, the Court has held that in criminal matters this period covers the whole of the proceedings in question, including appeal proceedings (above-mentioned Wemhoff judgment, pp. 26 and 27, paras. 18

and 20; above-mentioned Neumeister judgment, p. 41, para. 19; Delcourt judgment of 17 January 1970, Series A no. 11, pp. 13-15, paras. 25 and 26). The position - as, moreover, the Government concede – is no different in the case of disputes ("contestations") over civil rights and obligations for which Article 6 para. 1 (art. 6-1) likewise requires that there be – at first instance, on appeal or in cassation – a determination."

Illi dwar il-prinċipji li jridu jiġu kkunsidrat f'kawżi bħal dawn, il-Qorti tirreferi għal *"Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights – Right to a fair trial (civil limb)"* (*Updated to 31 December 2021*) fejn ġie spjegat is-segwenti:

> "471. <u>The reasonableness of the length of proceedings must be assessed in the light of the circumstances of the case and in accordance with the following criteria: the complexity of the case, the conduct of the applicant and of the relevant authorities and what was at stake for the applicant in the dispute</u> (*Comingersoll S.A. v. Portugal* [GC], 2000; *Frydlender v. France* [GC], 2000, § 43; *Sürmeli v. Germany* [GC], 2006, § 128; *Lupeni Greek Catholic Parish and Others v. Romania* [GC], 2016, § 143; *Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania* [GC], 2019, § 209)." [emfażi miżjuda]

Illi għalhekk il-Qorti ser tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha rigward din il-kawża fid-dawl ta' dak li ngħad hawn fuq u tinnota li mill-atti tal-kawża mismugħa quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jirriżulta s-segwenti:

- il-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet tirrigwarda ammont tal-flus li l-attriċi f'dik il-kawża Olympia Frendo Cumbo kienet qed teżiġi li titħallas lura lilha mill-konvenuti f'dik il-kawża u ċioé mir-rikorrenti ta' din il-kawża u l-eks raġel tagħha;

- kien hemm bdil tal-Maġistrat sedenti fil-kawża in kwistjoni b'dan illi minn meta ġiet ippreżentata l-kawża quddiem il-Qorti

tal-Maġistrati (Malta) fil-21 ta' Marzu 2011 sal-21 ta' Jannar 2013 (*a fol.* 57[7]) il-kawża kienet qed tinstema' quddiem Maġistrat li mbagħad inbidel mis-seduta tat-18 ta' Marzu 2013 (*a fol.* 58[8]) sakemm eventwalment ingħatat is-sentenza fil-15 ta' Lulju 2020;

- kien hemm diffikulta' li jiġi notifikat ir-raġel tar-rikorrenti liema diffikulta' ħadet għaxar (10) xhur biex tiġi megħluba u ċioé minn dak inhar li ġiet ippreżentata l-kawża (fil-21 ta' Marzu 2011 – *a fol.* 1[9]) sa meta ġie notifikat (fil-31 ta' Jannar 2012 – *a fol.* 27 *tergo*[10]);

- l-unika kumplikazzjoni oħra li kien hemm kienet marbuta mal-fatt jekk il-Kummissarju tat-Taxxi Interni setgħax jiġi mġiegħel jixhed liema kwistjoni damet biex tiġi sorvolata sitt (6) xhur tant li l-Kummissarju msemmi ppreżenta Rikors fis-17 ta' April 2012 (*a fol.* 32 *et seq.*[11]) liema Rikors ġie eventwalment degretat b'mod finali fl-24 ta' Ottubru 2012 (*a fol.* 48 *et seq.*[12]);

- fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2014 (*a fol.* 80[13]) il-provi kienu magħluqin;

- fis-seduta tal-20 ta' April 2015 (*a fol.* 83[14]) instemgħu s-sottomissjonijiet finali u dakinhar il-kawża ġiet imħollija għas-sentenza għat-23 ta' Novembru 2015 u wara sensiela ta' differimenti minħabba li l-Qorti kellha bżonn aktar żmien għal prolazzjoni tas-sentenza, fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2020 (*a fol.* 115[15]) ingħatat is-sentenza finali.

Illi dwar il-kondotta tar-rikorrenti f'din il-kawża fil-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), il-Qorti tinnota li mill-atti

---

[7] *Ibid.*
[8] *Ibid.*
[9] *Ibid.*
[10] *Ibid.*
[11] *Ibid.*
[12] *Ibid.*
[13] *Ibid.*
[14] *Ibid.*
[15] *Ibid.*

proċesswali ma tarax li kien hemm xi dilungar eċċessiv tort tagħha, għalkemm xi telf ta' ħin kien hemm. F'dan ir-rigward tali analiżi tirrispekja dak li qalet il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza mogħtija minnha fis-7 ta' Lulju 1989 fil-kawża fl-ismijiet **Unión Alimentaria Sandra S.A. v. Spain** (Numru 11681/85) fejn il-Qorti msemmija qalet is-segwenti:

> "35. The Court reiterates that such a principle does not absolve the courts from ensuring compliance with the requirements of Article 6 (art. 6) concerning reasonable time (see, *inter alia*, the Martins Moreira judgment of 26 October 1988, Series A no. 143, p. 17, para. 46). Like the Commission, the Court considers that the person concerned is required only to show diligence in carrying out the procedural steps relating to him, to refrain from using delaying tactics and to avail himself of the scope afforded by domestic law for shortening the proceedings. He is under no duty to take action which is not apt for that purpose (see the Guincho judgment of 10 July 1984, Series A no. 81, p. 15, para. 34)."

Illi l-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma kinitx ta' xi kumplessita' partikolari u dan kif *del resto* ġie mistqarr fis-seba' (7) paragrafu tan-Nota ta' Sottomissjonijiet (*a fol.* 48 *et seq.*) tal-intimat Avukat tal-Istat. Minbarra l-problema tan-notifika ta' l-eks raġel tar-rikorrenti ma kienx hemm wisq problemi li jistgħu jiġġustifikaw dewmien ta' disgħa (9) snin. Kif diġa' ingħad aktar 'il fuq, il-Qorti tinnota li kien hemm xi telf ta' żmien miż-żewġ partijiet b'mod partikolari meta kellhom jinstemgħu s-sottomissjonijiet finali pero' minbarra dan il-Qorti ma tarax li għandha wisq aktar x'iċċanfar lill-partijiet. F'dan ir-rigward il-Qorti terġa' tagħmel riferenza għal "*Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights Right to a fair trial (civil limb)*" imsemmi aktar 'il fuq fejn ingħad hekk:

> "479. Although the domestic authorities cannot be held responsible for the conduct of a defendant, the delaying tactics used by one of the parties do not absolve the authorities from their duty to ensure that the proceedings

are conducted within a reasonable time (*Mincheva v. Bulgaria*, 2010, § 68)."

Illi l-Qorti tikkunsidra li d-dewmien ta' ħames (5) snin u fuqhom sabiex tingħata s-sentenza finali kien żmien eċċessiv u dan speċjalment tenut kont tan-natura tal-kawża in kwistjoni. Filwaqt li l-Qorti tagħraf li l-ammont ta' kawżi li jinstemgħu minn diversi Qrati huwa wieħed konsiderevoli u li dan jista' joħloq ċirkostanzi sfortunati iżda għan-nuqqas ta' riżorsi tal-Qrati ma għandux iħallas iċ-ċittadin li jitlob ġustizzja mill-istess Qrati!

Ir-rikorrenti kienet akwixxenti b'dana illi qatt ma lmentat u li ma użatx ir-rimedji li tagħtiha l-liġi senjatament Artikolu 195(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta

Illi permezz ta' din l-eċċezzjoni l-intimat Avukat tal-Istat jeċċepixxi li waqt il-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ir-rikorrenti f'din il-kawża ma ressqet l-ebda ilment dwar id-dewmien u għalhekk akwixxiet għal tali dewmien u b'hekk irrinuzjat għad-dritt tagħha. Da parte tagħha, ir-rikorrenti tgħid li hija bagħet ittra elettronika fuq l-indirizz josephmuscat@josephmuscat.com sabiex tipprotesta dwar id-dewmien mingħajr ma ressqet kopja tal-istess ittra elettronika.

Illi filwaqt li l-Qorti tissimpatizza mar-rikorrenti minħabba d-dewmien li sofriet, il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-imġieba tar-rikorrenti. Jekk kellha problemi legali hija messha indirizzathom legalment. Għaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li l-argument tar-rikorrenti li l-avukat kien jgħidilha li ma seta' jsir xejn ma jistax ikun ta' fejda. Għalhekk il-Qorti taqbel ma' dak li jgħid l-intimat Avukat tal-Istat meta jilmenta li r-rikorrenti ma għamlitx użu mir-rimedji li tagħtiha l-liġi u senjatament Artikolu 195(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jagħti dritt lill-parti li tagħmel Rikors lill-Prim Imħallef u dan ser iġorr il-piż tiegħu fid-determinazzjoni tal-kumpens.

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Mejju 2016 fil-kawża fl-ismijiet **Raymond Farrugia et vs. L-Avukat Ġenerali et** (Numru 5/14) fejn il-Qorti Kostituzzjonali qalet is-segwenti:

"57. Għalhekk, minkejja l-ilment tar-rikorrenti dwar il-fatt jibqa' li huma kellhom l-opportunita' li wara sena u nofs illi l-kawża kienet ilha differita għas-sentenza, jittantaw ir-rimedju kontemplat mil-liġi proċedurali tagħna. Iżda huma naqsu milli jagħmlu dan, u allura kienet korretta l-ewwel Qorti meta, filwaqt li ma ddeklinatx milli tippronunzja ruħha fuq it-talba in kwistjoni, ħadet dan il-fatt in konsiderazzjoni fil-komputazzjoni tal-kumpens xieraq."

Illi minkejja li r-rikorrenti ma għamiltx użu minn Artikolu 195(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta dan ma jiskolpax lill-Istat mill-obbligu li jara li l-jeddijiet tal-individwi jiġu mħarsa u f'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija fit-3 ta' Diċembru 2003 fil-kawża fl-ismijiet **Tierce v. San Marino** (Numru 69700/01) fejn il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem qalet is-segwenti:

"While it is true that the domestic civil procedure leaves it to the parties to decide what steps to take and when, the Court points out that such a principle does not absolve Contracting States from the obligation to ensure compliance with the requirements of Article 6 regarding a reasonable time (see, for example, *Frydlender*, cited above, § 45). The Court considers that the applicant's conduct alone is not sufficient to explain the length of the proceedings, which lasted for approximately eight years and nine months."

Illi ġialadarba ġie stabbilit dan jibqa' għal din il-Qorti li tixtarr l-argument relatat mal-akwixxenza. L-Avukat tal-Istat jilmenta li waqt is-seduti miżmuma quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ir-rikorrenti f'din il-kawża qatt ma lmentat dwar id-dewmien u lanqas talbet li l-kawża titmexxa b'iktar ħeffa u li għalhekk hija aċċettat il-proċess kif kien sejjer. Dwar dan il-punt il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-23 ta' Novembru 2017 fil-kawża fl-ismijiet **Concrete Mix Limited vs. L-Avukat Dottor Aldo Vella noe et** (Numru 801/2013) fejn dwar ir-rinunzja ta' dritt, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet is-segwenti:

"In linea ta' prinċipju ġenerali, il-Qorti tal-Appell Inferjuri fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Dr. Tim Ellis vs. L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar** tat-2 ta' Ottubru 2012 irriteniet illi:

*"Jiġi rilevat li l-akkwixenza, jew ir-rinunzja ta' dritt, għandha f'kull okkażjoni tkun skjetta u inekwivoka. Kif spjegat il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili b'sentenza tagħha tal-14 ta' Diċembru 2004 fl-ismijiet* ***Henri Rizzo noe et vs. Victor Ragonesi et*** *(1677/1977*):

*"F'materja ta' rinunzja ta' dritt hija ġurisprudenza stabbilita li din għandha tirriżulta b'mod ċar u univoku li ma jħalli ebda dubju dwar l-intenzjoni tal-parti rinunzjanti. Ġie ritenut: "Ir-rinunzji huma di stretto diritto, u għandhom jirriżultaw minn fatti assolutament inkonċiljabbli ma' konservazzjoni tad-dritt, u li juru l-volonta' preċiża ta' rinunzja. Quindi ma jistax jiġi konkluż illi jkun hemm rinunzja taċita jekk mill-provi ma jkunx hemm indizzji ċari u assoluti li l-volonta' tal-persuna jew persuni tbiddlet. Għandu jsegwi minn dan kollu li jekk il-indizji u l-fatti jħallu dubju dwar il-volonta' tal-persuna, dan għandu jittieħed kontra l-eżistenza tar-rinuzja" [PA* ***Alfred Cauchi vs. Joseph Xuereb*** *- 09.10.2003;] "La rinunzja non si presume e deve essere concludentemente provata; se é tacita, deve sorgere da un fatto chiaro ed evidente, che includa necessariamente la intenzione di rinunziare, e che non possa prestarsi ad altre interpretazioni, o ingenerare qualche dubbio sulla intenzione del rinunziante." [App.* ***Chappelle vs. Caruana Gatto*** *- 17.06.1898*]."

Hekk ukoll il-Qorti tal-Appell fil-każ **L-Awtorità tad-Djar vs. Felicia Cutajar** tal-25 ta' Novembru 2011 qalet illi:

*"Fis-sistema legali tagħna dawn iċ-ċirkostanzi ta' fatt iridu juru, pero', l-intenzjoni tal-parti li tagħti l-kunsens. Hekk, fil-kuntest ta' rinunzja taċita, kunċett simili għal dak issa trattat, intqal li biex jista' jingħad li dak li jkun ta l-kunsens tiegħu b'mod taċitu, jeħtieġ żewġ elementi; fatti assolutament inkonċiljabbli mal-konservazzjoni tad-dritt, u li juru, mingħajr dubbju, l-intenzjoni*

> *ta' dak li jkun li jirrinunzja għad-drittijiet tiegħu. Hekk, fil-kawża* ***Sammut et v. Azzopardi****, deċiża minn din il-Qorti fid-29 ta' Novembru, 1993, intqal b'mod ċar li l-kunsens taċitu jrid "il-volonta' preċiża li d-dritt qed jiġi abbandunat u, li l-fatt huwa assolutament inkonċiljabbli mal-konservazzjoni tad-dritt"."*

Illi din il-Qorti taqbel ma' dak li ngħad hawn fuq fil-kawża kkwotata u tagħmlu tagħha. Mill-atti tal-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma jidher imkien li r-rikorrenti f'din il-kawża rrinuzjat għad-drittijiet tagħha. Lanqas iż-żmien ta' sena sabiex tinfetaħ din il-kawża mindu ngħatat is-sentenza mill-Qorti ta' Maġistrati (Malta) ma huwa ta' fejda għax ir-rikorrenti kellha tibda tħallas lil Olympia Frendo Cumbo u fl-istess ħin issib ir-riżorsi finanzjarji sabiex tiftaħ din il-kawża u għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti tali dewmien kien raġonevoli. Isegwi għalhekk li dan l-argument mhux mistħoqq.

Illi, tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti ser tilqa' limitatament l-eċċezzjoni in eżami sa fejn tirrigwarda n-nuqqas ta' applikazzjoni ta' Artiklu 195(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta meta tiġi biex taħdem id-danni pekunjarji u non-pekunjarji li sofriet ir-rikorrenti.

Illi b'hekk isegwi li l-Qorti ser tilqa' l-ewwel (1) talba tar-rikorrenti u tiddikjara li d-drittijiet tagħha għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli hekk kif protett minn Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u minn Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ġew vjolati bid-dewmien tal-kawża ċivili fil-konfront tagħha li damet ftit aktar minn disgħa (9) snin mindu ġiet ippreżentata sakemm eventwalment ġiet deċiża.

**<u>It-Tieni (2) Talba</u>:**

<u>Illi permezz ta' din it-talba r-rikorrenti titlob li l-Qorti tillikwida ammont ta' danni pekunjarji u non-pekunjarji sofferti minnha kawża ta' leżjoni ta' dritt għal smigħ xieraq</u>.

Illi għal din it-talba l-intimat Avukat tal-Istat ressaq numru ta' eċċezzjonijiet.

<u>Ma huwiex biżżejjed li r-rikorrenti tilmenta fuq id-dewmien iżda li trid tipprova d-danni li ġarrbet</u>
Illi minkejja li fit-talba tagħha r-rikorrenti ma tillikwidax l-ammont li qed tippretendi bħala kumpens għad-dannu soffert hija tindika b'mod ċar li l-parti li qed tipponta għalih huwa l-imgħax li għandha tħallas.

Illi tenut kont tal-provi mressqa mir-rikorrenti, b'mod partikolari r-rendikonti tal-Bank (*a fol.* 24 *et seq.*), il-Qorti hija sodisfatta li r-rikorrenti qed tagħmel il-ħlasijiet minnha dikjarati u hija konsegwentement ippruvat id-dannu li qed issofri. B'hekk l-eċċezzjoni in eżami ser tiġi miċħuda.

<u>Mhux kawża sabiex tiġi determinata *culpa aquiliana* u l-interessi huma konsegwenza naturali tal-fatt li r-rikorrenti ma onoratx l-obbligi tagħha</u>

<u>Minkejja li ġew depożitati l-flus taħt l-awtorita' tal-Qorti hija ma ġietx liberata milli tħallas l-imgħaxijiet</u>
Illi l-Qorti ser tgħaddi sabiex tistħarreġ l-eċċezzjoni mressqa mill-intimat Avukat tal-Istat meta jilmenta li din mhux kawża sabiex tiġi determinata *culpa aquiliana*. B'rabta ma' dan, fis-sitt (6) eċċezzjoni tiegħu l-intimat Avukat tal-Istat jgħid li l-imgħaxijiet huma konsegwenza naturali tal-fatt li r-rikorrenti ma onoratx l-obbligi tagħha. Minbarra dan, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu (*a fol.* 48 *et seq.*) l-intimat Avukat tal-Istat isemmi l-punt li r-rikorrenti kienet iddepożitat il-flus taħt l-Awtorita' tal-Qorti u dana ġie njorat minnha meta ġie kkomputat l-ammont dovut lill-attriċi Frendo Cumbo.

Illi dwar dan l-aħħar punt din il-Qorti ma taqbilx ma' dak li jgħid l-intimat Avukat tal-Istat fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu (*a fol.* 48 *et seq.*). Sabiex depożitu taħt l-awtorita' tal-Qorti jitqies bħala ħlas *ai termini* ta' Artikoli 1173 u 1174 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta dan l-ewwel irid jiġi offrut bħala pagament u tali pagament irid jiġi rifjutat mill-persuna li tirċievi tali offerta. F'dan il-każ dan ma jirriżultax li sar anzi l-flus depożitati kienu hekk depożitati bħala garanzija sabiex jiġi revokat il-Mandat ta' Sekwestru li kien hemm. Li kieku dawn il-flus kellhom jiġu offruti lill-attriċi Frendo

Cumbo l-kawża kollha x'aktarx kienet taqa' għax l-attriċi Frendo Cumbo verosimilment kienet tkun sodisfatta. Għalhekk din l-eċċezzjoni ser tiġi miċħuda.

Illi l-intimat Avukat tal-Istat jgħid li din mhux kawża bħal *culpa aquiliana*. Fuq kwistjoni ta' prinċipju din il-Qorti taqbel ma' dan il-punt hekk kif imressaq mill-intimat Avukat ta' l-Istat iżda minkejja li din mhux kawża sabiex tiġi determinata *culpa aquiliana*, dan ma jfissirx li Qorti, f'każ ta' ksur tad-dritt ta' individwu, hija prekluża milli tirrimedja għall-ħsara mġarrba minnu. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-5 ta' Ottubru 2018 fil-kawża fl-ismijiet **Roberta Grech vs. Avukat Ġenerali et** (Numru 93/2016) fejn il-Qorti Kostituzzjonali qalet is-segwenti:

> "16. Il-fatt illi "ġeneralment" u "bħala regola" l-qrati kostituzzjonali ma jagħtux danni ċivili ma jfissirx li ma jagħtux rimedju sħiħ u biżżejjed, li jinkludi wkoll danni materjali meta l-parti milquta tkun ġarrbet danni materjali b'konsegwenza tal-ksur tad-dritt tagħha."

Illi għalhekk din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti b'dan illi, kif diġa ngħad aktar 'il fuq, il-Qorti hija l-fehma li ċertu dewmien fil-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kien imputabbli lill-partijiet fil-kawża msemmija b'mod partikolari rigward is-seduti mħassra fi stadju ta' trattazzjoni mill-konsulenti legali tal-partijiet. Magħdud ma' dan hemm il-punt li l-konvenuti fil-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienu tnejn u huma ġew ikkundannati jħallsu *in solidum* l-ammont dovut u l-imgħax.

Illi r-rikorrenti tilmenta li hi ma għandhiex tama li tirkupra l-ammonti mingħand l-eks raġel tagħha. Dan l-argument mhux ta' fejda. Ir-rikorrenti trid tara hija kif tikkawtela d-drittijiet tagħha u mhux xieraq li tiġi kkumpensata għall-ammont li hija tista' tikseb lura mingħand l-eks raġel tagħha.

Illi meħud in konsiderazzjoni dak li għadu kemm ingħad, il-Qorti ser twarrab mill-ekwazjoni tal-imgħax nofs l-ammont indikat fil-paragrafu bin-numru għoxrin (20) tan-Nota ta' Sottomissjonijiet (*a*

*fol.* 39 *et seq.*) tar-rikorrenti li jħalli bilanċ ta' €2,191.48. Il-Qorti hija tal-fehma li minn dan l-ammont irid jitnaqqas l-imgħax li ġie akkumulat waqt is-snin li damet għaddejja l-kawża stante li kif jgħid l-intimat Avukat tal-Istat ir-rikorrenti setgħet tipprevedih u jekk kien hemm xi dewmien ir-rikorrenti kellha parti mit-tort. In vista tal-fatt li fis-sentenza tagħha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ddeċidiet li l-imgħax jibda jiddekorri mill-31 ta' Jannar 2012, il-Qorti ser tuża din id-data għall-kalkolu tagħha. Minbarra dan, il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrenti għandha tbati dak l-imgħax li kien raġonevoli fil-kuntest tal-kawża li kienet qed topponi u għalhekk maż-żmien li damu għaddejjin il-proċeduri għandu jiżdied terminu li l-Qorti setgħet raġonevolment tieħu f'każ bħal dan sabiex tiddeċiedi l-kawża in kwistjoni. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li terminu ta' tmintax il-xahar għandu jkun wieħed ġust.

Illi għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti r-rikorrenti jistħoqqilha tingħata kumpens għaż-żmien li l-kawża damet iktar mid-19 ta' Ottubru 2016 skont il-parametri ndikati iktar 'il fuq. Konsegwentement din il-Qorti ser takkorda s-somma ta' €1,075.20 bħala danni pekunjarji sofferti mir-rikorrenti minħabba l-ksur tad-dritt tagħha.

Illi tibqa' pero' miftuħa l-kwistjoni tad-danni morali li setgħet soffriet ir-rikorrenti. Skont ix-xiehda tal-Psikoterapista Nadine Castillo (*a fol.* 28) minkejja li kien għadu kmieni wisq sabiex wieħed jipponta lejn il-kawża in kwistjoni, hija tindika li l-kawża in kwistjoni seta' kellha rwol bħala kawża tal-attakki ta' ansjeta' li kienet qed issofri r-rikorrenti.

Illi tenut kont li danni morali huma personali u jorbtu ma' dak li sofra l-individwu, il-Qorti tikkunsidra li d-dewmien ta' aktar minn ħames (5) snin (mindu l-kawża ġiet mħollija għas-sentenza sakemm eventwalment ingħatat) huwa dewmien mhux ġustifikabbli u raġonevolment ikkawża ċertu ammont ta' stress fuq ir-rikorrenti u dan anke tenut kont ta' dak li qalet il-Psikoterapista Nadine Castillo. Wara li l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fatti kollha, inkluż il-fatt li r-rikorrenti ma għamlitx użu mir-rimedji li tagħtiha

l-liġi, il-Qorti ser talloka s-somma ta' €1,000 in kwantu danni non-pekunjarji sofferti minnha.

Illi għalhekk il-Qorti ser tilqa' it-tieni (2) talba tar-rikorrenti b'dana illi ser tillikwida d-danni pekunjarji u non-pekunjarji sofferti mir-rikorrenti fl-ammont komplessiv ta' €2,075.20 (€1,075.20 + €1,000).

**<u>It-Tielet (3) Talba</u>:**
<u>Illi permezz ta' din it-talba r-rikorrenti titlob li l-Qorti tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallasha s-somma likwidata</u>.

Illi huwa fatt assodat li f'kawżi ta' indole kostituzzjonali għandu jwieġeb l-Avukat tal-Istat.

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti tirreferi għas-sentenza mogħtija fis-16 ta' Diċembru 2021 fil-kawża fl-ismijiet **Saviour Falzon vs. L-Avukat tal-Istat et** (Numru 72/2020) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet is-segwenti:

> "Huwa aċċettat mill-ġurisprudenza tagħna illi f'kawżi ta' indoli kostituzzjonali huwa l-Istat illi għandu jwieġeb għall-vjolazzjoni ta' drittijiet fondamentali billi huwa l-Istat illi għandu l-obbligu illi jassigura illi l-liġijiet ma joħolqux żbilanċ jew sproporzjon inġust bejn id-drittijiet tal-persuna u l-obbligi tal-Istat."

Illi għaldaqstant il-Qorti ser tilqa' it-tielet (3) talba tar-rikorrenti b'dan illi l-Qorti ser tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas is-somma komplessiva ta' **<u>€2,075.20</u>**.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimat Avukat tal-Istat sa fejn kompatibbli ma' din is-sentenza;

2. Tilqa' l-ewwel (1) talba tar-rikorrenti;

3. Tilqa' it-tieni (2) talba tar-rikorrenti u tillikwida d-danni pekunjarji fl-ammont ta' €1,075.20 u d-danni non-pekunjarji fl-ammont ta' €1,000;

4. Tilqa' t-tielet (3) talba tar-rikorrenti u tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas lir-rikorrenti s-somma komplessiva ta' elfejn u ħamsa u sebgħin Euro u għoxrin ċenteżmu (€2,075.20) bl-imgħax legali b'effett mil-lum sad-data tal-ħlas effettiv.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jitħallsu mill-intimat Avukat tal-Istat.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**